# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Ħamsa u għoxrin (25) ta' Marzu 2021**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 355/2021 FDP**

Fl-ismijiet

**Deluca Group Limited**
**(C 93296)**

**Vs**

**Polidano Bros Limited**
**(C 8884)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat il-Mandat ta' Inibizzjoni ppresentat fit-8 ta' marzu 2021, li permezz tiegħu s-soċjeta' r-rikorrent talbet illi, sabiex tikkawtela d-drittijiet tas-soċjeta' rikorrenti, l-Qorti għandha twaqqaf lis-soċjeta' intimata milli:-

    1. *Twaqqa', tiskavaw u/jew tibnu fis-sit Elmo Insurance Building, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex;*

    2. *Jibdlu jew jaħdmu jew jirrendu xogħolijiet fuq is-sit suiċitat;*

    3. *Illi peress illi ma kull ġurnata li s-soċjeta' intimata tagħmel waħda mill-azzjonijiet hawn fuq elenkati, dan qed jippreġudika bi kbir u jikkawża dannu irreparabbli lis-soċjeta' esponenti li qed isofru leżjoni tad-drittijiet tagħhom hemm il-ħtieġa li dan ir-rikors jintlaqa' provviżorjament sakemm jingħata digriet finali.*

2. Rat illi fit-8 ta' Marzu 2021, il-Qorti laqgħet il-Mandat ta' Inibizzjoni proviżorjament filwaqt illi ordnat in-notifika lis-soċjeta' intimata b'għaxart ijiem għar-risposta w appuntat il-Mandat għat-trattazzjoni finali għat-23 ta' Marzu 2021.

3. Rat illi fis-16 ta' Marzu 2021 is-soċjeta' Polidano Brothers Limtied irrispondiet għal dak mitlub billi qajjmet varji difiżi, fosthom is-segwenti:

   a. Il-Mandat odjern huwa wieħed intavolat a tenur tal-Artikolu 874 tal-Kap 12, u għalhekk it-talba kif dedotta ma tistax tintlaqa' stante illi Mandat inħareġ sabiex iwaqqaf is-soċjeta' intimata milli tkompli tagħmel xogħolijiet filwaqt illi tali tip ta' Mandat jipprovdi għall-projbizzjoni minn trasferiment ta' propjeta';

   b. Illi s-soċjeta' rikorrenti ma għandha ebda pretensjoni kontra s-soċjeta' intimata stante illi l-partijiet kellhom kuntratt ta' appalt bejniethom li kien jippermetti lis-soċjeta' intimata milli tagħmel xogħolijiet oħra.

   c. Illi s-sit tax-xogħol fejn qed issir tali inibizzjoni ma huwiex il-propjeta' ta' ebda mill-partijiet.

4. Rat illi fit-22 ta' Marzu 2021, ippreżentat nota s-soċjeta' Elmo Insurance Limited, fejn irrilevat illi l-Mandat ta' Inibizzjoni ġie eżegwit fuq il-propjeta' tagħha, li fuqha is-soċjeta' rikorrenti ma kellha ebda dritt prima facie illi tipproċedi kontriha.

5. Rat illi, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 199A tal-Kap 12, wara direzzjoni tal-Prim' Imħallef biex il-Qrati jillimitaw l-preżenza ta' nies fil-bini tal-Qorti biex nikkontjenu t-tixrid tal-Covid 19, il-Qorti ordnat illi l-partijiet u l-konsulenti legali tagħhom jattendu għas-seduta li saret fil-Qorti stess, b'mod virtwali.

6. Semgħet it-trattazzjoni fid-dettall ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fit-23 ta' Marzu 2021, wara liema trattazzjoni il-Mandat ġie differit għad-deċiżjoni finali għal-lum.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Jirriżulta illi, a tenur ta' l-Artikolu 874(1) tal-Kap.12, l-iskop ta' Mandat ta' Inibizzjoni ta' dina n-natura hija li tista';

   *Jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbiegħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt*

*fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu.*

8. Jirriżulta, fil-Mandat ta’ Inibizzjoni odjern, illi l-pretensjoni ta’ bejn is-soċjeta’ rikorrenti w is-soċjeta’ intimata hija waħda finanzjarja dettata minn kuntratt ta’ appalt bejn il-partijiet, liema kuntratt ta’ appalt kien qiegħed jiġi eżegwit fuq propjeta’ ta’ terzi mhux parti minn tali vertenza.

9. Jirriżulta illi tali Mandat ġie eżegwit fuq sit ta’ kostruzzjoni illi la huwa tas-soċjeta’ intimata u wisq anqas tas-soċjeta’ rikorrenti, iżda huwa ta’ soċjeta’ terza, ossija Elmo Insurance Agency, illi ma għandha ebda konnessjoni u/jew involviment fil-vertenza ta’ bejn il-partijiet, għajr għal fatt illi s-soċjeta’ intimata kienet qiegħda tagħmel xogħolijiet fil-propjeta’ tagħha u tali soċjeta’ intimata kienet ikkuntrattat lis-soċjeta’ rikorrenti sabiex tagħmel xi xogħolijiet fil-fond.

10. Jirriżulta ċar illi l-preġudizzju illi tali Mandat ta’ Inibizzjoni qiegħed jikkawża fuq terz mhux parti mill-vertenza huwa ferm aktar minn kwalsiasi preġudizzju illi s-soċjeta’ rikorrenti tista’ tikkontempla illi għandha, u għalhekk il-Qorti tqis illi tali Mandat ma għandux l-elementi kollha meħtieġa sabiex jinżamm in vigore.

**Deċiżjoni finali**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti ppreżentati quddiemha u s-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet u wara illi għamlet il-konsiderazzjonijiet fuq premessi;

Tiddeċiedi t-talba magħmula fit-8 ta’ Marzu 2021 billi tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tat-8 ta’ Marzu 2021.

**Tiċħad** definittivament it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni kif redatt.

Spejjeż tal-proċeduri odjerni jkunu a kariku tas-soċjeta’ rikorrenti.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**